MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 394/1998/1

**Mario Micallef, Giovanni Micallef, Carmelo Micallef, Emmanuel Micallef, Catherine Meli mart James, Betty Caruana mart Silvio, ilkoll ahwa Micallef, ulied il-mejjet Joseph Micallef**

**-vs-**

**Joseph Difesa u martu Rita**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-atturi b'cedola ta' depozitu ta' rkupru u kontestwalment ta' depozitu fir-Registru tal-Qorti tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili bin-numru 776/97 annessa u

mmarkata bhala Dok. XX1 esercitaw id-dritt ta' rkupru successjonarju spettanti lilhom stante li saret vendita ta' beni li jiffurmaw parti mis-successjoni ta' Bartholomeo sive Albert Debono li miet fit-tlettax ta' Jannar elf disa' mija u tnejn u sebghin (1972) u permezz ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef, wiehed tat-tmienja u ghoxrin ta' April elf disa' mija u hamsa u sittin (28/4/1965) u l-iehor tas-sebgha u ghoxrin ta' Frar elf disa' mija u sebghin (27/2/1970) wirtu l-ghalqa in kwistjoni is-sitt hutu u cioe` Grazia mart Julian, Marianna mart Carmel Sammut, Catherine mart Francesco Bonello, Josephine mart Carmelo Camilleri, Giovanna mart Bertu Micallef u Carmela mart Joseph Micallef. Illum l-istess ahwa Debono kollha mietu u wirtu uliedhom jew l-aventi kawza taghhom;

Premess illi l-atturi huma ulied il-mejjet Joseph Micallef iben Giovanna Debono oht Bartholomeo Debono u mart Albert Micallef;

Premess ukoll illi b'zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa` tas-sitta u ghoxrin ta' Settembru, elf disa' mija u erbgha u disghin (26/9/1994) u tat-tmienja u ghoxrin ta' Gunju elf disa' mija u sitta u disghin (28/6/1996) il-konvenuti akkwistaw sehem indiviz tal-ghalqa gia deskritta fil-kuntratti imsemmija u hawn annessi u ghalhekk l-istess cedola ta' rkupru u kontestwali depozitu gew introdotti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili stante li l-atturi huma co-eredi u komproprjetarji ta' l-istess fond li gie mibjugh;

Premess illi hemm d-dritt ta' rkupru successjonarju ta' l-atturi u dan minhabba li jirrizultaw ir-rekwiziti kollha ta' l-artikolu 912 tal-Kap. 16, u l-atturi ottemperaw ruhhom mad-disposizzjonijiet relattivi;

Premess illi minkejja c-cedola u interpellazzjoni skond il-ligi xorta ma kienx hemm att notarili opportun ta' rivendizzjoni li sar mehtieg in forza ta' l-irkupru successorju esercitat kontra l-konvenuti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-irkupru sucessorju esercitat mill-atturi bic-cedola numru 776/97 u kontestwali depozitu ghar-rivendizzjoni ta’ l-ishma hemm hekk indikati huma skond il-ligi;

2. Tordna u tikkundanna lill-istess konvenuti halli jersqu u ssir il-pubblikazzjoni ta’ l-att notarili ta’ rivendizzjoni opportun ta’ l-ishma tal-fond;

3. Tinnomina nutar, kuraturi deputati fil-kaz tal-kontumacja ta’ l-istess konvenuti u tiffissa l-hin u modalitajiet ohra ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess kuntratt;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi, l-elenku tad-dokumenti minnhom esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-10 ta’ Marzu 1999 li permezz taghha huma eccipew:-

Illi in linea preliminari l-azzjoni kontemplata mill-atturi hija ormai estinta a tenur ta’ l-artikolu 912(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. F’dan is-sens ghandu jigi rilevat li huma kellhom jiddikjaraw l-intenzjoni taghhom permezz ta’ att gudizzjarju fi zmien xahar;

Illi ghandu jirrizulta li huma ghamlu dan permezz ta’ cedola ta’ depozitu pprezentata fis-17 ta’ Settembru 1997 meta kienu gja jafu bil-bejgh in kwistjoni minn Frar 1997 tant li pprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet fis-26 ta’ Frar 1997 fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Difesa vs Carmelo Micallef et” (Citaz. Nru. 2365/96NA) li tirrigwarda talba ghad-divizjoni/licitazzjoni ta’ l-istess proprjeta`;

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ihoss li l-procedura adoperata mill-atturi ma tinkwadrax ruhha fit-termini ta’ l-Artikolu 912 tal-Kap. 16

tal-Ligijiet ta’ Malta stante li l-jeddijiet li jivvantaw l-istess atturi mhux dawk kontemplati fil-ligi essendo li hawn mhux si tratta ta’ cessjoni b’titolu onorus ta’ jeddijiet ta’ wirt imma bejgh ta’ porzjoni indiviz ta’ bicca art, avolja l-istess art setghet kienet formanti parti minn wirt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat il-Verbal tat-13 ta’ Ottubru 1999 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni attrici hi wahda ta' irkupru successorju ghal liema in linea preliminari l-konvenuti wiegbu li din hi estinta a tenur ta' l-Artikolu 912 (2) tal-Kap. 16;

Il-fatti li taw lok ghall-kawza huma brevement dawn:-

(i) L-atturi huma ulied il-mejjet Joseph Micallef, iben Giovanna xebba Debono oht Bartholomew Debono, sid l-ghalqa denominata "Ta' L-Iskoll", f'St. John's Street, kontrada ta' Bahar ic-Caghaq;

(ii) Uhud mill-ko-eredi bieghu s-sehem taghhom minn din l-ghalqa lill-konvenuti permezz ta' kuntratt in atti Nutar Carmel Gafa`;

(iii) Il-konvenuti odjerni permezz ta' citazjoni numru 2365 ta' l-1996 fl-ismijiet "Joseph Difesa -vs- Carmelo Micallef", prezentata fil-15 ta' Lulju 1996, u li kopja taghha giet esebita a fol. 35 tal-process, wara li ppremetta li hu u l-konvenuti f'dik il-kawza jipposjedu invidisament l-ghalqa imsemmija, ghaliex hu kien xtara ishma indivizi minnha minghand diversi nies, talab li ssir id-divizjoni taghha skond il-kwoti rispettivi. Din ic-

citazzjoni giet notifikata lill-konvenuti fil-21 ta' Frar 1997, kif jirrizulta mir-riferta tal-purtier fuq l-att;

(iv) In segwitu l-atturi f'din l-istanza ipprezentaw cedola ta' depozitu fis-17 ta' Settembru 1997 li fiha fost hwejjeg ohra iddikjaraw ili huma qatt ma gew notifikati b'att gudizzjarju bl-imsemmija atti ta' trasferimenti u li xtaqu jipprevalixxu ruhhom mid-dispost ta' l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili billi jirkupraw l-ishma mibjugha lill-konvenuti;

(v) Fis-26 ta' Frar 1998 l-atturi intavolaw il-kawza prezenti ghar-rivendizzjoni u rkupru ta' l-ishma mill-ghalqa li l-konvenuti xtraw minghand ko-eredi;

In succint, ghal dak li jinteressa l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, l-Artikolu 912 jikkontempla dan:-

(a) Werriet jista' jeskludi mill-qasma lic-cessjonarju, (li ma jkunx ukoll eredi) li jkun akkwista jeddijiet fuq il-wirt;

(b) Dan jista' jaghmlu billi jhallas lic-cessjonarju l-prezz tac-cessjoni, l-ispejjez li jkun ghamel ghal dik ic-cessjoni, u l-interessi fuq il-prezz (Artikolu 912(1));

(c) Il-jedd moghti mil-ligi lill-werriet jispicca wara xahar minn notifika li ssir lilu ta' dik ic-cessjoni, kemm il darba f'dak iz-zmien huwa ma jiddikjarax li jrid jezercita dak il-jedd (Artikolu 912(2));

(d) Kemm in-notifika kif ukoll id-dikjarazzjoni ghandhom isiru b'att gudizzjarju (Artikolu 912(4));

Huwa evidenti illi l-iskop ta' din id-disposizzjoni huwa dak illi l-ko-eredi jinghata l-mezz li jeskludi lill-barrani, cessjonarju ta' sehem ereditarju, milli jippartecipa mieghu fid-divizjoni tal-wirt, u dan billi jissubentra ghalih u jizvestih mid-drittijiet successorji minnu akkwistati biex b'hekk jiehu postu fl-istess drittijiet;

Il-konvenuti jikkontendu illi l-atturi inghataw avviz tac-cessjoni bil-fatt tal-kawza tad-divizjoni promossa minnhom u debitament notifikata lill-atturi.  Huma jargumentaw illi c-citazzjoni tekwivali ghall-"att gudizzjarju" u li b'konsegwenza l-volonta` tal-ligi dettata mill-Artikolu 912 giet rispettata;

Minn naha taghhom l-atturi jirribattu illi c-citazzjoni tal-kawza tad-divizjoni ma tissuffragax l-intenzjoni tal-legislatur fil-parametri ta' l-Artikolu 912 gjaladarba dik l-istess citazzjoni kienet intiza biss biex twassal ghall-iskop fiha mahsub, jigifieri d-divizjoni, u mhux ukoll bhala notifika tal-fatt tac-cessjoni li kienet saret lil konvenuti (atturi f'dik il-kawza) ta' ishma ereditarji minn uhud mill-ko-eredi;

Ikkonsidrat:-

Huwa veru li l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili ma jispecifikax x'tip ta' att gudizzjarju kellu *de rito* jkun servut mic-cessjonaru lil werriet jew werrieta.  Huwa wkoll pacifiku li 'citazzjoni' hi 'att gudizzjarju'.  B'danakollu difficilment jista' jigi accettat illi c-citazzjoni *de qua agimur,* hekk propulsa versu d-divizjoni ta' proprjeta` specifika, ghandha fiha dawk l-ingredjenti mahsuba mit-test tal-ligi.  Din in bazi ghas-segwenti riflessjonijiet:-

(I) Anke jekk mac-citazzjoni tad-divizjoni gew esebiti l-kuntratti ta' l-akkwist xorta wahda, kif formulat dan l-'att gudizzjarju', ma jistax validament jitqies li jinkorpora fih dawk ir-rekwiziti u direttivi essenzjali li kapaci jissarrfu fis-sustanza bhala notifika ta' informazzjoni esprimenti l-fatt tac-cessjoni;

(II) In-notifikazzjoni intiza bl-Artikolu 912 ma kelliex f'kull kaz tkun wahda '*sic et sempliciter'* tal-fatt tac-cessjoni izda biex iggib ukoll ghall-attenzjoni ta' l-eredi, s'intendi bid-debita esebizzjoni tal-kopja ta' l-atti ta' akkwist, il-prezz ta' l-akkwist u l-ispejjez zborzati.  Dan hu hekk mehieg proprju biex l-eredi retrattant ikun f'qaghda li jiddelibera u jiddeciedi jekk jirkuprax billi jaghmel id-debita

dikjarazzjoni, u li skond subinciz (4) tehtieg li ssir ukoll b'att gudizzjarju;

L-argument tal-konvenuti jippekka ukoll anke kieku kellu jigi accettat il-punto di vista taghhom illi c-citazzjoni tad-divizjoni tissodisfa l-vot ta' l-Artikolu 912 ghal dik li hi notifika tac-cessjoni lilhom, b'titolu oneruz, ta' jeddijiet ereditarji;

Ma jistax jigi negat illi "nota ta' l-eccezzjonijiet" tikkostitwixxi ukoll, bhac-citazzjoni, 'att gudizzjarju' li biha d-debitur (intiza din il-kelma f'sens guridiku wiesgha) jirrespingi t-talba tal-kreditur bil-hsieb li jiddifendi u jikkonserva d-drittijiet tieghu kontra l-pretensjoni tal-kreditur (Mortara, Procedura Civile, Vol. I para. 23). Dan gie hekk enuncjat fid-decizjoni "**Carmelo Tabone -vs- Michele Tabone et**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. J. Caruana Colombo, 28 ta' Novembru 1957:-

"Rekwiziti nterni ta' l-att gudizzjarju jikkonsistu, ghalhekk, f'dan, li l-att ghandu jkun jesprimi b'mod car il-volonta` ta' l-awtur ta' l-att li jikkonserva d-drittijiet tieghu; liema volonta` ma hemmx bzonn li tigi espressa b'xi frazi specjali, imma bizzejjed li tkun hekk espress bi kwalunkwe mod."

Applikat dan il-hsieb ghal kaz taghna wiehed isib illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom fil-kawza ta' divizjoni l-atturi odjerni kienu hemm iddikjaraw li qed jirrizervaw id-drittijiet taghhom fit-termini ta' l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili. Din id-dikjarazzjoni b'dan l-'att gudizzjarju' [Artikolu 912(4) saret fit-terminu legali ta' xahar (Artikolu 912(2)] minn notifika lilhom tac-citazzjoni, dejjem s'intendi jekk kellu jigi akkolt l-argument tal-konvenuti illi dan l-att kellu jservi bhala notifika tac-cessjoni. Jirrizulta, kif gja fuq espost, illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet giet prezentata fis-26 ta' Frar 1997 jigifieri f'anqas minn xahar min-notifika tac-citazzjoni li saret fil-21 ta' Frar 1997;

Il-ligi tirreferi biss ghal fatt tad-dikjarazzjoni mill-werriet. Imkien ma tghid illi c-Cedola ta' l-irkupru trid ukoll tigi intavolata entro l-perjodu statutorju ta' xahar. Sufficit li d-

dikjarazzjoni ghall-ezercizju tal-jedd ta' l-irkupru ssir fiz-zmien mill-provvediment tal-ligi dettat;

Ghalkemm si trattava ta' kazijiet ta' rkupru konvenzjonali, tenut ukoll rigward ta' l-istat tal-ligi kif kienet, jghoddu ghal kaz, ghalkemm entro certi argini, ir-riflessjonijiet li nsibu fuq dan il-punt tal-materja fid-decizjonijiet a **Vol. VIII pagina 155**, **Vol. XIII pagina 95** u **Vol. XXIX P I p 443**.

Ghal dawn il-motivi;

Tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni fuq il-meritu u l-eccezzjoni li fadal tal-konvenuti, ukoll ta' indoli legali.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur